



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.3.2014
COM(2014) 147 final

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-approvazzjoni mill-Kummissjoni, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Din il-proposta hija mħejjija fid-dawl tal-iffirmar, l-applikazzjoni provviżorja u l-konklużjoni prevista ta' Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova, sabiex tiġi approvata l-konklużjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mill-Kummissjoni f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (KEEA).

Billi l-KEEA hija wkoll Parti għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni se tagħmel rakkomandazzjoni separata għall-approvazzjoni tal-Kunsill tal-konklużjoni mill-Kummissjoni dwar partijiet tal-Ftehim li jaqgħu taħt it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (KEEA).

Għall-iffirmar u l-konklużjoni tal-ftehimiet internazzjonali mill-KEEA japplikaw proċeduri differenti. B'mod partikolari, bi qbil mal-Artikolu 101 tat-Trattat tal-KEEA, dawn il-ftehimiet għandhom jiġu konklużi mill-Kummissjoni bl-approvazzjoni tal-Kunsill. Huwa għalhekk neċessarju li jiġu adottati deċiżjonijiet separati kemm għall-iffirmar kif ukoll għall-konklużjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mill-UE u mill-KEEA.

Għall-konklużjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni f'isem il-KEEA, il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill jagħti l-approvazzjoni tiegħu, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 101 tat-Trattat li jistabbilixxi l-KEEA.

Fid-dawl tar-riżultati tan-negożjati msemmija fil-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-UE, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova, kif ukoll il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova, il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill jiddeċiedi li l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, għandu jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni u jistabbilixxi ħaġra tal-persuna/i bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw f'isem l-Unjoni.

Bl-approvazzjoni tal-Kunsill u d-deċiżjoni xierqa tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni se tkun tista' tiffirma u tikkonkludi l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni f'isem il-KEEA.

2. IR-RIŻULTATI U L-ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

Il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Kunsill japprova, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 101 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-KEEA.

It-test ta' dan il-Ftehim huwa meħmuż ma' din ir-Rakkomandazzjoni.

Min-naħa tal-Unjoni, il-bażi ġuridika għall-konklużjoni ta' dan il-Ftehim hija l-Artikolu 217, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(8) tat-TFUE.

Għall-KEEA, il-bażi ġuridika għal dan il-Ftehim hija l-Artikolu 101 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

Il-proposta meħmuża tikkostitwixxi, flimkien mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar konklużjoni, l-istrument ġuridiku għall-konklużjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni f'isem il-KEEA.

Il-fatt li l-Kummissjoni bagħtet il-proposta tagħha bħala ftehim bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Moldova huwa marbut mal-ħolqien inizjali ta' dan il-Ftehim skont ir-regoli tat-Trattat qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona.

Skont l-Artikolu 102 tat-Trattat Euratom, Ftehim ma jistax jidħol fis-seħħ għall-KEEA sakemm il-Kummissjoni ma tkunx ġiet notifikata mill-Istati Membri li l-ftehim sar applikabbli skont id-dispożizzjonijiet tal-liġijiet nazzjonali rispettivi tagħhom.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-approvazzjoni mill-Kummissjoni, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Artikolu 101 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Fil-15 ta' Ġunju 2009, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mar-Repubblika tal-Moldova għall-konklużjoni ta' Ftehim ġdid bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova biex jissostitwixxi l-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni.¹
- (2) Meta titqies ir-relazzjoni storika mill-qrib u rabtiet progressivament eqreb bejn il-Partijiet, kif ukoll ix-xewqa tagħhom li jsaħħu u jwessgħu r-relazzjonijiet b'mod innovattiv u ambizzjuż, in-negozjati dwar il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra (minn hawn' il quddiem "il-Ftehim"), ġew finalizzati b'suċċess billi kien inizjalat il-Ftehim fid-29 ta' Novembru 2013.
- (3) Il-Kummissjoni tipproponi lill-Kunsill li l-Ftehim għandu jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni Ewropea u applikat fuq bażi provviżorja, skont l-Artikolu 465 tal-Ftehim, sakemm jiġi konkluż f'data aktar tard.
- (4) Il-Ftehim ikopri wkoll kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-Euratom, jiġifieri l-Artikolu 77(i).
- (5) L-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim huma soġġetti għal proċedura separata fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu taħt it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
- (6) Il-Ftehim għandu għalhekk jiġi konkluż ukoll f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika f'dak li għandu x'jaqsam ma' kwistjonijiet li jaqgħu taħt it-Trattat tal-Euratom.
- (7) Skont l-Artikolu 102 tat-Trattat tal-Euratom, il-Ftehim ma jistax jidħol fis-seħħ għall-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika sakemm il-Kummissjoni Ewropea ma tkunx ġiet notifikata mill-Istati Membri li tali ftehim sar applikabbli skont id-dispożizzjonijiet tal-liġijiet nazzjonali rispettivi tagħhom.
- (8) Il-konklużjoni tal-Ftehim mill-Kummissjoni Ewropea, li taġixxi f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, għandha tiġi approvata.

¹ ĠU L 181, 24.6.1998, p. 1-48.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-konklużjoni mill-Kummissjoni Ewropea, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, hija b'dan approvata.^{2 3}

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

² It-test tal-Ftehim hu meħmuż mad-Deċiżjoni dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, (ĠU...)

³ ĠU: Jekk jogħġbok fin-nota ta' qiegħ il-paġna ta' fuq din daħħal ir-referenza tal-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni fid-dokument [...]